**IT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

Deċiżjoni Preliminari Numru 2398
Każ Numru 3223/KBC
Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn:

Anthony Debono
u
Actavis Ltd (C 2867)
u
Actavis Malta Ltd (C 41650) u b'digriet datat 24/10/2014 bi qbil bejn il-partijiet is-socjeta' ntimata Actavis Malta Ltd giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju

Chairperson: Dr Katrina Borg-Cardona

Illum il-Ġimgħa, 12 ta' Ġunju, 2015

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tal-14 ta' Marzu, 2014, li permezz tiegħu r-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jiddikjara u jiddeċiedi li s-soċjetàjiet intimati wettqu att diskriminatorju meta r-rikorrent ġie mċaħħad milli jipparteċipa fl-iskema ta' kumpens miftehma bejn is-soċjetajiet intimati u rappreżenanti ta' l-impjegati ntiża għall-impjegati li kienu ġew dikjarati *redundant*.

Ra r-risposta tat-12 ta' Mejju, 2014, tal-kumpanija ntimata Actavis Limited li permezz tagħha tat eċċezzjoni ta' dekadenza tat-terminu ta' erba' xhur, stabbilit skont l-Artiklu 30(1) tal-Att dwar l-Impjieg u r-Relazzjonijiet Industrijali, għall-azzjoni ta' persuna aggravata illi tixtieq tressaq azzjoni quddiem it-Tribunal, oltre eċċezzjonijiet oħra fil-mertu.

Ra r-rikors tal-kumpannija ntimata Actavis Malta Limited li permezz tiegħu hija tat l-eċċezzjoni illi hija għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju għalhiex mhix il-leġittimu kontradittur peress illi l-kuntratt ta' mpjieg tar-rikorrent kien mall-kumpanija Actavis Limited u mhux mas-soċjeta' Actavis Malta Limited.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent u tas-soċjetà Actavis Limited;

Ra d-dokumenti eżebiti;

Ra illi fis-seduta tal-24 t'Ottubru, 2014, il-partijiet qablu illi s-soċjeta' ntimata Actavis Malta Limited kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju peress illi mhix il-leġittimu kontradittur fil-kwistjoni tax-xogħol odjerna.

Sema' x-xhieda ta' Ms Nataline Mifsud li xehdet illi r-rikorrent kien ilu mpjegat mill-2010 u kien jaħdem fis-sezzjoni Research & Development (R & D), li fis-7 ta' Marzu, 2013, il-kumpanija kienet ikkommunikat mall-ħaddiema tal-R & D illi kien hemm *review* tan-*network* tal-R & D u kien hemm konsiderazzjoni li tista' tingħalaq il-faċilità tal-R & D sal-aħħar tas-sena 2013, li kien ser ikun proċess ta' konsultazzjoni mall-ħaddiema, li fil-fatt il-konsultazzjoni baqgħet għaddejja fit-tul, li l-kumpannija kienet irċeviet ir-riżenja tar-rikorrent fil-11 ta' Lulju, 2013, fejn huwa ndika li xtaq jitlaq fil-25 ta' Lulju, 2013, li ma' l-ittra tar-riżenja r-rikorrent għamel ukoll talba biex jiġi kkunsidrat f'każ li jkun hemm pakkett ta' *severance*, li l-Avukat tar-rikorrent ukoll għamel talba simili u li kien hemm diversi skambji dwar din it-talba, li fl-24 t' Ottubru, 2013, ġie ffirmat *Memorandum of Understanding* bejn il-kumpannija u l-impjegati kkonċernati u li dan kien jipprovdi għall-pakkett għall-ħaddiema li kienu ser isiru *redundant* fl-aħħar tas-sena 2013, ieħor għal dawk li kienu ser jinżammu fl-impjieg, li l-Memorandum of Understanding kien jipprovdi wkoll għall-possibilta' illi ħaddiema illi bil-kunsens tal-kumpannija jiġu released wara l-*cutoff date* tat-23 t'Awwissu, 2013, u qabel l-aħħar tas-sena 2013 jingħataw ukoll kumpens, illi t-*target date* ta' *termination by redundancy* kienet il-31 ta' Diċembru, 2013, u li l-kumpens dovuti lill-ħaddiema skont il-*Memorandum of Understanding* tħallas fi żmien ħamest' ijiem tax-xogħol *post-termination*.

Ra li fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2015, il-partijiet ittrattaw l-eċċezzjoni preliminari tad-dekadenza u għalhekk it-Tribunal ħalla l-każ għad-deċiżjoni preliminari;

**Ikkunsidra:-**

Illi l-azzjoni odjerna hija bbażata fuq allegata diskriminazzjoni abbażi tal-Artikolu 26 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont l-Artikolu 30 tal-istess Kap., "Persuna li tallega li l-prinċipal ikun kiser, jew li l-kondizzjonijiet tal-impieg ikunu jiksru, d-disposizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 jew 29 tista', fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat, tippreżenta ilment quddiem it-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrijali għandu jisma' dak l-ilment u jwettaq dawk l- investigazzjonijiet li jqis xierqa.

Sabiex ikun determinat iż-żmien minn meta jibda jiddekorri t-terminu ta' sentejn, trid issir riferenza ghall-Art. 2137 tal-Kap. 16 li jaqra hekk:

> *'Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'*

Illi l-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier f'dan ir-rigward josservaw li:

> *"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere...".*

Iżjed 'il quddiem iżidu jgħidu illi:

> *"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale."*

It-test dwar iż-żmien meta jibda jiddekorri l-preskrizzjoni hu wiehed oġġettiv u mhux soġġettiv għar-rikorrenti b'mod li l-principju Ruman *contra non valentem agere non*

*currit prescriptio* jsib applikazzjoni biss fejn il-liġi tippermetti dan minħabba ostakoli materjali bħal vjolenza jew qerq jew żball (ara artikolu 1223 tal-Kap. 16).

Meqjusa l-prinċipji premessi, mix-xhieda miġbura jirriżulta provat u mhux kontestat li r-rikorrenti kien impjegat mas-soċjetà Actavis Limited sakemm irriżenja mill-impjieg permezz ta' ittra bla data li fiha hemm indikat li r-riżenja tiegħu kellha tkun effettiva mill-25 ta' Lulju, 2013. Illi l-ftehim li ta lok għall-pakkett ta' kumpens favur ħaddiema affetwati minn sensji ġie eżegwit fl-24 t'Ottubru, 2013. Illi dan il-ftehim stabbilixxa l-jedd għall-kumpens u partikolarment iddefinixxa l-kategorija ta' ħaddiema li kienu ser ikunu intitolati għall-kumpens. Dak li qed jilmenta dwaru r-rikorrent, essenzjalment, huwa li l-kumpanija ddiskriminat miegħu meta eskludietu milli jipparteċipa fl-iskema ta' kumpens li ġiet negozjata wara li huwa rriżenja. Il-jum materjali, allura, meta r-rikorrent seta' jeżerċita l-azzjoni tiegħu kien il-jum li fih il-kumpanija eskludietu mill-ftehim ta' kumpens. Id-data effettiva tal-ħlas ta' tali kumpens hija għalhekk immaterjali peress li d-diskriminazzjoni (jekk tassew hekk kienet, peress li dan it-Tribunal mhux qed jippronunzja ruħu dwar dan) seħħet mall-ftehim konkluż u mhux mall-jum li eventwalment sar il-ħlas ai termini tal-istess ftehim.

Fir-rikors tiegħu r-rikorrent jallega li huwa kien imħeġġeġ biex isir xogħol alternattiv u kien imwiegħed li kien ser jiġi nnegozjat pakkett ta' kumpens. It-Tribunal jinnota, però, li r-rikorrent ma ressaq ebda prova in sostenn tal-allegata wegħda. Il-korrispondenza li tinsab in atti, minflok, turi li ma kien hemm intenzjoni li r-rikorrent jingħata kumpens ġaladarba huwa ma kienx ġie ssensjat iżda kien minflok irriżenja.

Dan it-Tribunal għalhekk sejjer isib li t-talba tar-rikorrent saret wara li għadda l-perjodu perentorju ta' dekadenza ta' erba' xhur mill-ksur allegat, hekk kif stabbilit fl-Art. 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà ntimata Actavis Limited, jiddikjara li l-azzjoni tar-rikorrent hija perenta ai termini tal-Art. 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk jillibera lis-soċjetajiet konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.**

Għall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal jiffissa s-somma ta' tlieta u disgħin euro u sbatax -il ċentezmu (€93.17).

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 t-Tribunal jiddikjara li minħabba n-numru ta' seduti u differimenti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
Dr Katrina Borg-Cardona
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**